MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Numru. 125/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**CHRISTOPHER MIFSUD**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Christopher Mifsud bin Vincent u Cettina nee` Buttigieg imwieled fit-23 ta’ Settembru 1974 u residenti ‘Mifsud House’, Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex (Karta ta’ l-Identita` Nru 21274 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-3 ta’ Frar 2004 ghall-habta ta’ l-4.35p.m. f’garaxx minghajr numru li jinsab fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, zamm hanut ta’ mastrudaxxa minghajr l-istess hanut ma kellu licenzja mehtiega mahruga minn Awtorita regulatorja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 369;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrat fis-seduta tal-15 t'April 2004 fil-presenza ta' l-avukat difensur tieghu u fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 338 (gg) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 21 ta' L/N 102/2002;

Il-Qorti ghalhekk tidddikajra li ssib lill-imputat hati tal-akkuza u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------